*fejn aggravju jitlob li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-mertu tal-każ, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu a tenur tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jagħti d-dritt ta' appell fuq punt ta' liġi biss*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 20/2021 LM

**Roberta Zammit (K.I. nru 260166M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Roberta Zammit** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni nru 2713 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fit-22 ta' Frar, 2021, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru 3428/JHP, fejn

iddeċieda l-ilment imressaq minnha fil-konfront tal-intimata l-**Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi** [minn issa 'l quddiem 'il-Fondazzjoni appellata'] kif ġej:

*"It-Tribunal Industrijali wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa inkunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet u daħal fil-kuntest li l-post tax-xogħol tar-rikorrenti kien wieħed ta' responsabbilità ta' minuri li huma kkunsidrati fil-kategorija tal-vulnerabbli u li kien doveruż li jingħataw protezzjoni tal-ogħla livell. Dan seta' jseħħ biss jekk kemm-il darba l-persuni jkollhom ir-responsabbilita' ta' persuni oħra jsegwu d-doveri diretti u dawk indiretti, għax fin-nuqqas ta' dan il-konsegwenzi jkunu koroh li anke l-istituzzjoni responsabbli tista' tiġi ordnata tagħlaq il-bibien tagħha.*

*Fil-każ odjern in-negliġenza ripettitiva min-naħa tar-rikorrenti ma setgħetx tiġi aċċetta anke jekk ir-riżultat tal-aċċident li seħħ ma wasslux għal-livell ta' traġedja.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti kienet waħda ġusta u skont il-Liġi.*

*B'hekk jintemm dan il-każ.*

*Għall-finijiet ta' Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' 93 euro u 17-il ċenteżmu".*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija allegatament inġusta tal-appellanta minn mal-Fondazzjoni appellata. L-appellanta kienet bdiet taħdem ma' din tal-aħħar fis-26 ta' Jannar 2012[1] bħala *Childcare Assistant,* fejn l-impjieg tagħha kien jinvolvi s-superviżjoni ta' trabi u tfal żgħar. Imbagħad permezz ta' ittra[2] tat-30 ta' Ġunju, 2015 hija kienet ġiet infurmata mill-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni appellata li kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji kontra tagħha skont il-klawsola 35 tal-Ftehim Kollettiv għall-allegata negliġenza fid-doveri

[1] Ara kuntratt ta' impjieg Dok. A *a fol.* 13 tal-atti tat-Tribunal.
[2] Ara Dok. B *a fol.* 20 tal-atti tat-Tribunal.

tagħha bħala *Childcare Assistant* fejn tarbija kienet weġġgħet u hija ma kinitx tat spjegazzjoni tal-akkadut. Wara li l-appellanta ngħatat l-opportunità li twieġeb, il-Fondazzjoni appellata mill-ġdid ikkomunikat magħha u infurmatha li t-tweġiba tagħha ma kinitx meqjusa suffiċjenti u għalhekk il-każ tagħha kien ser jgħaddi lill-Bord ta' Dixxiplina.[3] Dan tal-aħħar wasal għall-konklużjoni li l-akkużi miġjuba kontra tagħha kienu jirriżultaw u għalhekk ikkonferma id-deċiżjoni preċedenti tiegħu tal-1 ta' Lulju, 2013 fejn kienet ġiet imwissija li l-impjieg tagħha kellu jiġi terminat fl-eventwalità li jkun hemm ilment ieħor kontriha.[4]

## Mertu

3. L-appellanta istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fis-16 ta' Diċembru, 2015, permezz ta' dikjarazzjoni fejn talbet sabiex l-imsemmi Tribunal:

> *"1. jiddeċiedi u jiddikjara illi l-impjieg u l-ftehim ta' mpjieg tal-esponenti mal-Fondazzjoni ntimata ġie tterminat inġustament kemm stante li l-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina li wasslu għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha għandhom fl-ewwel lok jitqiesu li kienu nulli fost oħrajn stante nuqqas ta' smigħ xieraq u ksur ieħor ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali u fit-tieni lok, sussidjarjament għandu jitqies li fi kwalunkwe kaz, id-deċiżjoni mogħtija mill-istess Bord ta' Dixxiplina skont dak spjegat fid-deċiżjoni tas-26 t'Ottubru 2015 kienet waħda inkorretta kemm proċeduralment, stante li l-istess deċiżjoni naqset milli tkun suffiċjentement motivata, bil-ftit konsiderazzjonijiet li saru jkunu konsiderazzjonijiet ħżiena, mingħajr spjegazzjonijiet u raġunijiet validi, kif ukoll fil-mertu stante li fi kwalunkwe kaz, l-akkuzi mressqin fil-konfront tal-esponenti ma kellhomx u ma setgħux jitqiesu li ġew pruvati matul il-mori tal-istess smigħ;*

---

[3] Ara Dok. E *a fol.* 25 tal-atti tat-Tribunal.
[4] Ara. Dok. D *a fol.* 121 tal-atti tat-Tribunal.

2. *jiddeċiedi u jiddikjara illi l-esponenti għandha dritt illi terġa' tingħata lura l-impjieg tagħha u b'hekk tiġi* re-instated *taħt l-istess kundizzjonijiet ta' xogħol u paga li hija kellha qabel ma l-impjieg tagħha ġie nġustament itterminat;*

3. *jiddeċiedi u jiddikjara li l-esponenti għandha dritt illi tiġi kumpensata mill-Fondazzjoni ntimata minħabba din it-tkeċċija nġusta kemm fir-rigward ta' dik il-parti mill-paga li hija ma kinitx qed tirċievi fiż-żmien meta hija kienet ġiet sospiża b'*half pay *pendenti l-proċeduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kostitwit taħt il-Fondazzjoni ntimata kif ukoll tiġi kkumpensata għad-danni sofferti sussegwentement, mat-terminazzjoni nġusta tal-impjieg tagħha sad-data ta' meta hija terġa' tiġi* re-instated;

4. *jillikwida l-kumpens kollu dovut lill-esponenti mill-Fondazzjoni ntimata bħala konsegwenza ta' din it-terminazzjoni nġusta;*

5. *jikkundanna u jordna lill-Fondazzjoni ntimata tħallas lill-esponenti l-kumpens hekk likwidat favuriha fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat mill-istess Tribunal;*

*u dan prevja kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor li jidhrulu xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati minn issa ngunti in subizzjoni."*

4. Il-Fondazzjoni appellata wieġbet fis-17 ta' Frar, 2016 fejn issottomettiet li l-allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta magħmula mill-appellanta kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tal-appellanta kellhom jiġu miċħuda.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni finali tiegħu:

*"7.1 Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:*
*It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu f'dan il-każ ħares lejn dawn l-aspetti ta':*

(1) *Il-perijodu ta' żmien li r-rikorrenti ħadmet fl-impjieg, riferut fil-każ dak ta'* childcare assistant, *li dan kien mis-26 ta' Jannar, 2012 sa Ġunju 2015, perijodu ta' tliet snin u nofs.*
(2) *X'kienet ir-responsabbiltà primarja tar-rikorrenti fil-qadi tad-doveri tar-rikorrenti?*
(3) *X'kienet ir-responsabbilità relattiva fid-doveri li kienet tagħmel ir-rikorrenti?* (holistic needs of children Doc GN3 18/06/2012) Doc 14 (Performance report speaks for itself).
(4) *Kienu jeżistu xi tip ta' protokolli li għandhom jiġu segwiti fil-qadi tad-dmirijiet marbuta max-xogħol li kellha r-rikorrenti?*
(5) *Ir-rikorrenti ġiet mogħtija t-taħriġ neċessarju sabiex hi tkun tista' taqdi d-doveri tagħha fil-livell meħtieġ?*
(6) *Kif kien l-andament tax-xogħol tar-rikorrenti sad-data tat-terminazzjoni mill-impjieg tagħha?*
(7) *Ir-rikorrenti kienet tinġibdilha l-attenzjoni għan-nuqqasijiet tagħha fil-qadi ta' dmirijietha, sabiex hi tkun tista' tagħti kontribut aħjar fix-xogħol tagħha?*
(8) *Ir-rikorrenti kellha xi inċidenti li wasslu sabiex tittieħed azzjoni dixxiplinarja u x'kien l-eżitu tagħhom? (Serja ta' dokumenti li jirreferu li r-rikorrenti kienet qiegħda tippreżenta sitwazzjonijiet li kienu ser jiġġejopardizzaw is-saħħa tal-vulnerabbli).*
(9) *Ir-riżultat tal-inċident fil-każ odjern, minbarra li kellu effett dirett fuq terzi (minuri, tarbija ta' 6 xhur) seta' ħalla effett negattiv fuq l-organizzazzjoni li magħha r-rikorrenti kellha impjieg?*

*It-Tribunal matul it-trattazzjoni tal-każ ikkonferma li d-doveri li kienet tagħmel ir-rikorrenti kienu jaqgħu taħt il-kappa ta' "Doveri" li impjegat/a jkollha meta tiġi inkarigata li tieħu ħsieb ta' xi ħadd jew xi ħaġa (eż persuna jew proprjetà) dak li jissejjaħ* ***Duty of Care & Security****, fil-każ odjern tarbija ta' sitt xhur.*

*Ir-rikorrenti kienet qed taqdi dawn id-doveri f'soċjetà li x-xogħol tagħha hu li tagħti servizz professjonali speċifiku, li fil-mansjoni ta' doveri kien jinkludi direttament jew indirettament.*

***It-Tribunal Industrijali ħa nota b'riferenza għall-ftehim kollettiv fir-rigward tad-dixxiplina:***

*Il-Bord għandu jmexxi l-proċeduri tiegħu.*

*Dawn huma siltiet importanti fil-ftehim kollettiv li kien viġenti sa Diċembru 2018, li jagħtu spunt ċar ta' kif mexa l-maniġement f'dan il-każ fil-kompożizzjoni tal-Bord ta' Dixxipilina (Rif Kap 37 paġ 34 sa 36)*

*Il-maniġment jista' jitlob assistenza ta' esperti u terzi.*

*"___________ l-impjegati kollha huma fid-dmir li jiġbdu l-attenzjoni tas-Senior Executive tagħhom fejn jinnutaw li jkun qiegħed isir xi nuqqas.*

*Fil-każ ta' nuqqas serju, l-każ tiegħu/tagħha jitressaq quddiem Bord ta' Dixxiplina.*

*It-Tribunal irrefera għall-kuntratt tas-servizz (Dok A) fejn jirrekjedi dan li ġej:*

*(Paġ 4)* "Supervises the children in an inclusive manner, ensuring their safety and access to learning activities."

*(Pġg 5) "*Ensures adequate recording and reporting vis-à-vis the daily activities of the children. Takes appropriate action (as defined by contract) in case of emergency, urgent matters of abuse policies and procedures."

*It-Tribunal irrefera għad-doveri indiretti fil-qadi ta' dmirijiet ma' persuni vulnerabbli kif imniżżla hawn taħt:*

*(1) Kunsiderazzjoni ta' x'għandu jsir f'ħin partikolari u x'inhu propju jew mhux.*
*(2) Responsabbilità sabiex tieħu ħsieb l-imġiba tal-persuna/i fdata lilha.*
*(3) Il-livell ta' kif u kemm persuna responsabbli għandha tkun konxja sabiex taqdi d-doveri li tieħu ħsieb persuna jew persuni oħra.*
*(4) X'kienu r-riżultati li ġew sofferti mill-vittma minħabba nuqqas tal-ħarsien u s-sigurtà tagħha kif suppost kellu jkun.*
*(5) X'għandu jiġi meqjus bħala li sar ksur tar-regolament fil-qadi tad-dmirijiet li jaqgħu taħt il-kappa ta' dmirijiet li wieħed jieħu ħsieb xi ħadd* (duty of care).

*It-Tribunal matul l-andament tax-xhieda fil-każ ġie żvelat li r-rikorrenti f'xi ħin indunat b'dak li kien seħħ, anke jekk fl-opinjoni tagħha ma kienx serju. Dan bl-ebda mod ma kien jeżenta lir-rikorrenti li għandha tinjora l-protokolli eżistenti, u ma tieħux il-passi sabiex tal-anqas tirrapporta l-inċident lill-uffiċjali responsabbli. Dawn l-istess protokolli kienu ta' għajnuna u mhux xkiel għar-rikorrenti.*

*Dan il-pass kien essenzjali sabiex jgħin lir-rikorrenti tkun koperta u kienet titfa' aktar dawl ta' dak li kien ġara, anke jekk dan seta' jwassal għall-prova tan-negliġenza tagħha. Dan in-nuqqas tar-rapport mhux biss huwa nuqqas ta' doveri iżda seta' jwassal agħar minn hekk u jikkawża danni aktar kbar.*

*It-Tribunal meta eżamina d-dokumenti sottomessi miż-żewġ partijiet, sab li r-rikorrenti kienu regolarment jiġu indikati lilha n-nuqqasijiet li kienet qed teżerċita fil-qadi ta' dmirijiet tagħha. Dan kien dejjem isir b'mod professjonali u fuq bażi personali mar-rikorrenti, sabiex ittejjeb l-anadament tax-xogħol tagħha.*

*It-Tribunal ikkonferma li mhux talli r-rikorrenti ma għollietx il-ħiliet tagħha fix-xogħol iżda altru minn hekk,*

***"hi ma setgħetx tmur aktar 'l quddiem"*** *(Kif rapportat fix-xhieda).*

*It-Tribunal innota li f'perijodu ta' tmintax-il (18) xahar ir-rikorrenti filwaqt li kienet tigi mgħejjuna sabiex titgħallem aħjar il-qadi ta' dmirijietha, bl-aġir tagħha kienet ġiet mgħajjta quddiem bord ta' dixxiplina fejn ingħatat "twissija"* (warning) *li fih kien jgħid ċar:*

***"Jekk ir-rikorrenti jkollha każ ieħor fejn tinsab ħatja allura jkun hemm tkeċċija" u "Li jekk ikun hemm rapport kemm verbali jew bil-miktub minn ġenitur jew amministratur tal-post tax-xogħol hi tiġi itterminata mill-impjieg tagħha".***

*Nonostante dan, is-soċjetà intimata ddeċidiet li taħtar bord ta' dixxiplina minflok itterminatilha l-impjieg tagħha, sabiex b'hekk ir-rikorrenti tingħata ċ-ċans li tiddefendi l-posizzjoni tagħha.*

*It-Tribunal irid jieħu konjizzjoni għat-tip ta' xogħol li kellha r-rikorrenti, x'kienu d-doveri marbutin miegħu u fuq min kienu jimpinġu kif ukoll identifika li meta persuna tiġi fdata sabiex tieħu ħsieb persuni oħra, f'dan il-każ fil-kategorija ta' minuri, ir-responsabbilità tkun ħafna akbar u n-neċessità kienet li r-rikorrenti kienet obbligata ssegwi dak kollu marbut mad-doveri li kellha waqt dmirijietha. Fin-nuqqas ta' dan wassal sabiex il-livell dovut fil-ħarsien u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli ma kienx wieħed aċċettabbli.*

*Dak li rrefera għalih it-Tribunal bħal* "Duty of care" *jirreferi għall-obbligu legali impost fuq dak l-individwu/a sabiex timxi ma'* standards *raġonevoli li meta huwa/hija tkun qed tieħu ħsieb xi ħadd, l-individwu jrid ikun bejn konxju għall-fatti li minnhom innifishom jistgħu joħolqu xi tip ta' perikolu. Hu jew hi għandha tkun il-persuna responsabbli li tiddetermina dak li huwa propju f'dak il-ħin partikolari, u dan sabiex ir-riskju jitnaqqas għal-livell minimu tiegħu.*

*Mill-fatti kif spjegati f'dal-każ odjern jidher ċar li filwaqt ma setax jiġi ippruvat li saret xi ħaġa intenzjonata, xorta ma jistax jitwarrab il-fatt li l-inċident seħħ u li rriżulta f'girfa fuq wiċċ ta' tarbija ta' sitt xhur.*

*Għaldaqstant it-Tribunal bix-xhieda li ngħatat mill-istess rikorrenti ma setax iwarrab il-fatt li fid-***Duty of care** *ir-rikorrenti ma pprovdietx dak l-ammont ta' ħarsien li persuna raġonevoli kienet normalment tipprovdi kieku kienet fl-istess posizzjoni tar-rikorrenti.*

*It-Tribunal fehem ċar li r-rikorrenti meta ma ħadet l-ebda miżura li kienet obbligata tieħu fil-ħin propizju, u dan ġie anke ppruvat minn bord ta' dixxiplina, li għalih ir-rikorrenti ma għamlet l-ebda oġġezzjoni ħlief matul is-smigħ tal-każ, u li wassal li meta r-rikorrenti kienet diġà ħadet twissja l-bord ma kellux triq oħra li japplika dak li kien hemm fil-ftehim kollettiv li wara twissija r-rikorrenti kellha bilfors tiffaċċja t-terminazzjoni mill-impjieg."*

**<u>L-Appell</u>**

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-2 ta' Marzu, 2021, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tat-Tribunal u tilqa' t-talbiet tagħha kif magħmula quddiem l-imsemmi Tribunal, u dan bl-ispejjeż tal-proċeduri odjerni kontra l-Fondazzjoni appellata. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa proprju li għandu jirriżulta li kien hemm nuqqas lampanti ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi u tispjega kif seħħ dan: (i) it-Tribunal ċaħad erronejament l-ilment tagħha li l-Bord ta' Dixxiplina ma kienx kompost b'mod validu; (ii) it-Tribunal naqas milli jikkonsidra n-nuqqasijiet proċedurali li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina; (iii) l-ilmenti tagħha dwar nuqqas ta' smigħ xieraq u nuqqasijiet oħra proċedurali ġew injorati; (iv) fil-mertu, it-Tribunal mar oltre dak l-ilment tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

7. Il-Fondazzjoni appellata wieġbet fil-25 ta' Marzu, 2021 fejn sostniet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, u filwaqt li tispjega r-raġunijiet tagħha, tgħid li din għalhekk timmerita konferma fl-intier tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet magħmula mill-Fondazzjoni appellata, u dan fid-dawl ta' dak li kkonstata u ddeċieda t-Tribunal.

*L-ewwel aggravju:* *[It-Tribunal ċaħad erronejament l-ilment tagħha li l-Bord tad-Dixxiplina ma kienx kompost b'mod validu]*

9. L-appellanta tispjega l-aggravju tagħha billi tirrileva li meta hija ressqet ilment quddiem it-Tribunal li l-Bord kien ippresedut miċ-*Chairman* tal-Fondazzjoni appellata, b'mod li ta lok għal kunflitt ta' interess u nuqqas ta' newtralità lampanti, it-Tribunal erronejament ikkonsidra li ġaladarba l-appellanta ma kinitx ressqet l-ilment tagħha quddiem il-Bord, hija kienet bħallikieku aċċettat il-kompożizzjoni tal-imsemmi Bord. L-appellanta tispjega kif fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal injora s-sottomissjonijiet tagħha, u hawn hija terġa' tispjegahom mill-ġdid.

10. Il-Fondazzjoni appellata min-naħa tagħha tirrileva li għalkemm sar aċċenn konsiderevoli mill-appellanta fuq dan l-ilment tagħha quddiem it-Tribunal, qatt ma ġie mressaq waqt is-seduti quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Tissottometti li waqt l-imsemmija seduti, l-appellanta kienet ippatroċinata kemm minn Franklin Barbara, li dak iż-żmien kien uffiċjal fi ħdan il-MUT, u anki mill-istess avukati tagħha, li dak i-żmien kienu saħansitra jirrappreżentaw lill-MUT, u dawn it-tnejn li huma kienu midħla sew tal-entitajiet u tad-dipartimenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, u għalhekk ma kellhom l-ebda dubju dwar minn kien iċ-

Chairman ta' dak il-Bord u l-funzjonijiet tiegħu fi ħdan il-Korporazzjoni appellata.

11. Fid-deċiżjoni appellata t-Tribunal irrileva li l-appellanta qatt ma kienet ressqet oġġezzjoni fir-rigward tal-Bord ta' Dixxiplina, għajr waqt is-smigħ tal-proceduri. Kif sewwa tirrileva l-appellanta, din l-osservazzjoni hija magħmula f'linja waħda. Imma din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex it-Tribunal kellu jittratta l-kwistjoni ġaladarba din ma tqanqlitx mill-appellanta fil-ħin opportun, jiġifieri f'stadju bikri quddiem il-Bord, tenut kont tan-natura perentorja tal-eċċezzjoni tagħha. Il-Qorti tirrileva wkoll li kien biss wara li l-Bord tad-Dixxiplina ta d-deċiżjoni tiegħu, li r-rikorrenti resqet l-oġġezzjoni tagħha dwar il-kompożizzjoni tal-Bord.

12. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju* *[it-Tribunal naqas milli jikkonsidra n-nuqqasijiet proċedurali li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina]*

13. L-appellanta tispjega li t-tieni aggravju tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni appellata huwa li t-Tribunal skarta l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina (a) ma kinitx motivata, anzi ngħatat mingħajr raġunijiet ċari li jispjegaw kif dak li ġie allegat fil-konfront tagħha dwar l-inċident tal-girfa fuq tarbija, tqis li rriżulta; u (b) minflok kienet ibbażata erronejament fuq li hija kienet ingħatat twissija preċedenti meta skont il-Ftehim Kollettiv din it-twissija ma kellhiex tiġi kkonsidrata minħabba t-trapass ta' żmien ta' sentejn, kif kontemplat fl-istess

Ftehim Kollettiv u mhux ta' tmintax-il xahar kif b'mod erroneju kkonsidra t-Tribunal.

14. Il-Fondazzjoni appellata fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni aggravju, tirrileva li ma kienx neċessarju li d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina tkun motivata, għaliex l-istess Fondazzjoni appellata kienet dovuta biss tivverifika jekk xi att jew atti ta' negliġenza fil-fatt kinux ġew kommessi mill-appellanta u t-Tribunal eżamina sew il-provi prodotti quddiemu u sab li tassew l-appellanta kienet naqset, sabiex b'hekk il-Fondazzjoni appellata kienet ġustifikata fid-deċiżjoni tagħha li titkeċċa l-appellanta. Il-Fondazzjoni appellata tissottometti li hija min-naħa tagħha kienet ilha x-xhur tiġbed l-attenzjoni tal-appellanta għal diversi nuqqasijiet u ppruvat tgħinha, b'dana li l-appellanta baqgħet mhux kapaċi tindirizzahom dawk in-nuqqasijiet, u b'hekk id-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u anki tat-Tribunal kienu aktar minn ġusti.

15. Din il-Qorti tgħid mill-ewwel li t-Tribunal ma mexiex ħażin. Il-Qorti tosserva li l-Bord tad-Dixxiplina huwa stabbilit mhux permezz ta' liġi, iżda permezz tal-Ftehim Kollettiv fejn huwa jingħata d-diskrezzjoni li jirregola l-proċeduri tiegħu:

> *"Il-Bord għandu jmexxi l-proċeduri tiegħu kif jidhirlu hu iżda għandu jassigura li kemm l-FES kif ukoll l-impjegat akkużat jkollhom trattament ġust u li jara li l-proċeduri jitmexxew bl-aktar mod mexxej"*.[5]

16. Skont dak li jipprovdi l-imsemmi Ftehim Kollettiv, il-Bord tad-Dixxiplina mhux marbut li jipprovdi motivazzjoni bil-mod li qiegħda tippretendi l-appellanta. Wara kollox, lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni tiegħu hija nieqsa

[5] *A fol.* 101.

minn kull motivazzjoni, għaliex l-Bord ippronunzja ruħu dwar il-konsistenza tax-xhieda tal-impjegati tal-Fondazzjoni appellata, u l-inkonsistenza u d-diversi diskrepanzi fix-xhieda tal-appellanta. Għandu jiġi kkonsidrat ukoll li l-principju ta' smigħ xieraq hawnhekk huwa mħares b'mod xieraq u f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li d-deċiżjonijiet tal-Bord jistgħu jiġu mistħarrġa mit-Tribunal. Skont is-subartikolu 77(1) tal-Kap. 452, it-Tribunal għandu l-istess setgħat mogħtija lill-Qorti Ċivili skont il-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-*chairperson* huwa prekluż li jservi fil-kariga tiegħu f'dawk iċ-ċirkostanzi kkontemplati 734 tal-istess liġi. Dan filwaqt li d-deċiżjoni tat-Tribunal toffri motivazzjoni sħiħa u ċara għad-deċiżjoni appellata, li sabet li t-tkeċċija tal-appellanta ma kinitx waħda inġusta.

17. Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellanta hawn ukoll m'għandhiex raġun. Filwaqt li l-Qorti ttenni li l-appell tagħha seta' isir biss fuq punt ta' liġi kif jipprovdi s-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, tirrileva li l-appellanta qiegħda tagħti interpretazzjoni żbaljata tal-klawsola 32 tal-Ftehim Kollettiv.[6] Dan għaliex it-twissija bil-miktub li għaliha tagħmel riferiment, għandha, tgħodd bħala waħda mit-tliet twiddibiet bil-miktub li jista' jirċievi impjegat qabel ma jiġi mitmum l-impieg tiegħu, u mhux bħala l-ekwivalenti tat-twiddiba bil-miktub li jagħti l-Bord ta' Dixxiplina meta impjegat jinstab ħati ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu. Iżda lanqas jista' jingħad li t-Tribunal, kif qiegħda tallega l-appellanta, injora l-fatt li d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kienet imsejsa fuq it-twissija preċedenti mill-istess Bord u li l-proċeduri quddiem tali Bord saru biss allegatament għall-apparenza, fejn l-akkużi ma ġewx verament indirizzati. Dan għaliex ukoll it-Tribunal fittex u sab li l-aġir tal-appellanta jew id-

[6] *A fol.* 98.

*duty of care,* kien inqas mill-ħarisen mistenni li jingħata minn persuna raġonevoli li normalment tipprovdi fl-istess kariga tal-appellanta.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx it-tieni aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju* *[konsegwenza ta' dak li ġie injorat mit-Tribunal, l-ilmenti tagħha ta' nuqqas ta' smigħ xieraq u nuqqasijiet oħra proċedurali, ġew ukoll injorati u b'hekk ġiet applikata ħażin l-liġi u l-prinċipji bażiċi ta' ġustizzja naturali]*

19. L-appellanta hawnhekk qiegħda tilmenta li ġaladarba jiġi stabbilit dak li lmentat minnu fl-ewwel u fit-tieni aggravju tagħha, għandu jirriżulta wkoll li d-deċiżjoni appellata naqset b'hekk li tindirizza, anzi kkontribwiet għal nuqqas ta' smigħ xieraq u nuqqasijiet oħra proċedurali. Dawn tal-aħħar hija kienet ilmentat dwarhom quddiem it-Tribunal, b'dana li t-Tribunal injora l-ilmenti tagħha jew ma indirizzahomx b'mod xieraq u b'hekk ġiet applikata ħażina l-liġi u anki l-prinċipji bażiċi ta' ġustizzja naturali. Rigward dan l-appellanta tagħmel riferiment għal dak li hija kienet diġà ssottomettiet fil-para. 3(h) *et seq.* meta ppreżentat l-ewwel aggravju tagħha. L-appellanta tirrileva wkoll li d-deċiżjoni appellata kienet naqset milli tirriproduċi t-talbiet tagħha u wisq inqas indirizzathom.

20. Il-Fondazzjoni appellata tgħid li ftit għandha xi tgħid f'dan ir-rigward, filwaqt li tirrileva li wieħed hawn seta' jara li l-appellanta qiegħda tiggranfa ma' kull skuża possibbli f'tentattiv sabiex ixxejjen id-deċiżjoni appellata.

21. Il-Qorti tgħid li ġaladarba sabet l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanta mhux ġustifikati, anki dan l-aggravju ma jistax jirnexxi, għaliex l-appellanta hawnhekk qiegħda tkompli tibni fuqhom. Imma l-appellanta hawnhekk qiegħda wkoll iżżid argument ġdid, li huwa n-nuqqas tat-Tribunal li jirrpproduċi t-talbiet kollha tagħha kif imfissra fid-dikjarazzjoni tal-każ. Il-Qorti ma ssibx li t-Tribunal b'xi mod naqas, kemm għaliex huwa mill-ewwel għaraf dak li huwa l-qofol tal-vertenza odjerna skont it-talbiet li l-appellanta ressqet fid-dikjarazzjoni tal-każ tagħha quddiemu, jiġifieri t-tkeċċija inġusta o meno tal-appellanta, u anki għaliex huwa tenut li ma jiddeċidix ilmenti li jmorru oltre t-talbiet kif magħmula fid-dikjarazzjoni tal-każ.

22. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan it-tielet aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[id-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina kienet* ultra vires *u* extra/ultra petita*]*

23. L-appellanta tilmenta li fid-deċiżjoni appellata tiegħu t-Tribunal għamel evalwazzjoni tat-*'track record'* tal-impjieg tagħha fid-dawl tal-provi u tal-konsiderazzjonijiet li kienu tressqu quddiemu, u dan minkejja li l-Bord ta' Dixxiplina ma kienx ta d-deċiżjoni tiegħu skont l-imsemmija provi u konsiderazzjonijiet u li b'hekk ma kellhomx jiġu kkunsidrati mit-Tribunal. Hija tiċċita d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 in sostenn tal-argument tagħha. Iżda minn hawn 'il quddiem l-appellanta tkompli billi tressaq diversi argumenti dwar il-mertu, f'tentattiv li tiskolpa ruħha mill-ħtija tal-inċident li wassal għat-tkeċċija tagħha minn mal-Fondazzjoni appellata. Ġaladarba li dan l-

aggravju qed jitlob li din il-Qorti tagħmel evalwazzjoni mill-ġdid tal-mertu tal-każ odjern, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu a tenur tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, li jagħti d-dritt ta' appell fuq punt ta' liġi biss.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta, billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' aggravju, u tiċħad il-kumplament tiegħu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, u dawk tal-appell odjern, għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**